Please note that for scholastic year 2012/2013

the Form 1 and Form 2 syllabi

as shown below, are no longer valid.

These have been replaced

by the new Form 1 and Form 2 curricula

which can be downloaded from

http://www.curriculum.gov.mt/curriculum_form1.htm

and

http://www.curriculum.gov.mt/curriculum_form2.htm

# Sillabu tar-Reliġjon għal Klassijiet I, II, III

# PRINĊIPJI - GWIDA

***Kummissjoni Kateketika Nazzjonali - Malta***

1. L-Objettiv ewlieni tas-sillabu huwa l-maturazzjoni tad-dimensjoni reliġjuża/nisranija bħala parti integranti mill-edukazzjoni globali tal-persuna umana, fil-kuntest ta' l-objettivi ta' l-iskola.

2. Issa li l-istudenti ħarġu mill-fażi tat-tfulija u deħlin fil-fażi tal-preadolexxenza u l-bidu ta' l-adolexxenza (Forms I, II u III) dan is-sillabu:

   a) irid jgħin lill-istudenti jivvalutaw mill-ġdid il-messaġġ nisrani b'mod aktar organiku, aktar kritiku u oġġettiv skond il-kapaċita' intellettwali u morali li jkunu laħqu;

   b) irid jgħin lill-istudenti biex fid-dawl tal-messaġġ nisrani jsibu proposta ta' tifsira (viżjoni ta' ħajja) u ta' gwida (valuri) għall-esperjenzi eżistenzjali li jgħaddu minnhom f'dan il-perjodu;

   ċ) irid jagħti lill-istudenti l-muftieħ għall-għarfien u għall-evalwazzjoni aktar kritika tal-kultura u l-identità Maltija.

3. Fl-edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel sekondarji, Forms I, II u III huma meqjusin bħala ċiklu wieħed, l-ewwel wieħed fil-livell post-primarju. Għalhekk, is-sillabu jieħu dawn it-tliet snin flimkien.

4. Fis-sekwenza tas-snin u tat-temi, is-sillabu, kemm hu possibbli, jintegra flimkien l-itinerarju teoloġiku ma' l-itinerarju psikoloġiku, il-kontenut ma' l-esperjenza ta' l-istudenti. Dan ifisser li waqt li jippreżenta t-temi bl-ordni li jitlob il-messaġġ nisrani (Ġesù Kristu bħala ċ-ċentru li kollox ħiereġ minnu, il-Knisja bħala l-komunità li biha u fiha ried jibqa' jgħix u jaħdem il-Ħajja Nisranija bħala t-tweġiba għas-sejħa ta' Kristu li n-nisrani jgħix f'għaqda sħiħa mal-komunità), jippreżenta dawn it-temi mhux b'mod sħiħ u minn kull aspett, imma minn dik il-perspettiva li l-aktar tixħet dawl fuq il-problemi, ix-xewqat u l-ħtiġijiet veri u attwali ta' l-istudenti.

Ngħidu aħna, fuq Ġesù ma nippreżentawx dak kollu li tgħallem it-teoloġija, imma dawk l-aspetti li l-aktar juru lil Ġesù bħala gwida ta' min irid isib it-triq għal ħajtu. Hekk ukoll fuq il-Knisja; ninsistu l-aktar fuq dawk l-aspetti li jgħinu l-adolexxenti tagħna jibnu l-*peer groups* tagħhom fuq il-prinċipji ta' komunità ġenwina. Fuq il-ħajja nisranija, ma nidħlux f'dak kollu li titlob il-liġi morali iżda mmissu l-aktar dawk is-suġġetti, (bħal imġiba mal-ġenituri, l-imġiba mal-ħbieb, l-imġiba fil-qasam sesswali), li fuqhom l-istudenti jfittxu dawl u għajnuna.

5. Il-proċediment li jintuża fl-iżvilupp ta' kull tema huwa dak esperjenzjali\induttiv. Wara li jispeċifika l-objettiv tat-tema, minn analiżi ta' esperjenzi konkreti mill-ħajja ta' l-istudenti biex imbagħad jiftaħ fuq il-messaġġ nisrani u jara x'dawl u xi prospetti jitfa' fuq il-ħajja. Fl-aħħar parti tat-tema, l-istudenti jaraw x'pożizzjoni konkreta se jieħdu fuq il-proposti ppreżentati lilhom f'dik it-tema.

**It-Tieni Klassi**

***LEJN IL-ĦAJJA 2***
***(Nimxu flimkien - Il-komunità Nisranija)***

OBJETTIV ĠENERALI

Għall-istudenti li ħerġin mill-fażi tat-tfulija u qed joqorbu lejn l-adolexxenza, il-ħtieġa biex joħorġu mid-dipendenza tal-ġenituri u ta' dawk li b'xi mod jirrapreżentaw l-awtorita' qed timbuttahom b'qawwa dejjem aktar kbira biex jiffurmaw jew jissieħbu f'*peer group*. Minn banda l-*peer group* huwa ħtieġa psikoloġika bażika u b'xi mod jew ieħor trid tkun sodisfatta. Min-naħa l-oħra, l-ħajja ma' l-oħrajn faċli ssir ukoll għajn ta' piki, inkwiet, diżappunti, ġlied, għira, mibegħda u azzjonijiet li jweġġgħu l-qalb. Mill-kwestjonarju msemmi qabel, 67% ta' l-istudenti stqarrew li jridu jisimgħu ħafna dwar l-imġieba mal-ħbieb.

L-objettiv tal-programm ta' din is-sena huwa li ngħinu l-istudenti tagħna jirriflettu fuq dawn l-esperjenzi eżistenzjali li jkunu għaddejjin minnhom u nipproponulhom il-komunità nisranija bħala dik li fiha u biha nistgħu nibnu ħbiberija sabiħa, ġenwina, sħiħa u dejjiema; komunità nisranija li, bis-saħħa ta' l-Ispirtu li sawwab fuqna, il-Mulej Ġesù għadu jissokta l-ħidma tiegħu fostna. Niftakru li r-raġunijiet għaliex il-komunità nisranija tista twassal għall-ftehim u għaqda vera u dejjiema huma li:

* tagħtina d-dawl biex nibnu tassew lilna nfusna u, b'mod partikulari, l-għerq ta' kull firda li naraw fina u madwarna;

* tagħtina l-qawwa biex negħlbu dawn il-firdiet mill-qiegħ billi terġa' tgħaqqadna ma' Alla, l-għajn u s-saħħa ta' kull għaqda;

* tagħtina viżjoni tad-dinjità ta' wlied Alla li għaliha msejħin ilkoll u li fuqha rridu nibnu l-istima tagħna lejn xulxin;

* tagħtina l-enerġija u l-imħabba vera li tegħleb kull firda u tħares lejn il-ġid ta' l-ieħor bħala priorità;

* it-tfixkil u l-qtigħ il-qalb li niltaqgħu miegħu.

Il-proposta għall-ħbiberija vera u komunità sħiħa li jagħmlilna Ġesù llum narawha fuq l-isfond u taħt id-dawl ta' kif twieldet u bdiet taħdem fl-Atti ta' l-Appostli. Il-

kelma ta’ Alla fl-Atti ta’ l-Appostli tagħtina l-kriterji ta’ kif nivvalutaw il-komunitajiet tagħna.

1. **Ngħixu fi gżira iżda gżira m'aħniex**.

*Objettiv*

Waqt li jivvalutaw l-aspetti pożittivi u negattivi tal-ħajja ta' flimkien, l-istudenti jsibu motivazzjoni eżistenzjali biex jidħlu b'interess u b'ħeġġa għall-programm ta' din is-sena. Isiru aktar konxji tal-ħtieġa li jsibu soluzzjoni għal kif negħlbu l-ġlied u l-firda u nibnu ħbiberija tassew fis-sod.

*Analiżi/Kontenut*

1. L-aspetti pożittivi tal-ħajja ma' l-oħrajn.
   * Neħtieġu familja - x'tagħtina l-familja
   * Neħtieġu l-gruppi tal-ħbieb - x'jagħtina l-grupp
   * Neħtieġu pajjiż - x'jagħtina l-pajjiż

2. L-aspetti negattivi tal-ħajja ma' l-oħrajn.
   * il-problemi, l-inkwiet, il-ġlied, il-firdiet fil-familja
   * il-problemi, l-inkwiet, il-ġlied, il-firdiet fil-pajjiż

3. Il-firdiet possibbli li negħlbuhom? B'liema mezz? Min jista' jgħinna nibnu u nkunu komunità vera?

*Tweġiba*

Nidħlu għal-lezzjonijiet ta' din is-sena b'interess li nsibu soluzzjoni għal xi ħaġa li tolqotna fil-qrib.

2. **Ġesù : Il-Bennej ta' l-għaqda**

*Objettiv*
L-istudenti japprezzaw aktar lil Ġesù bħala dak li fehem mill-għeruq il-kruha u d-diżastru tal-ġlied u l-firda u li ddedika ħajtu biex iwettaq il-Pjan tal-Missier li jgħaqqad il-bnedmin f'komunità sħiħa u dejjiema u jagħtina l-possibilità li nibnu gruppi u komunitajiet ġenwini.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
Il-firdiet ta' żmienna li eżaminajna fil-unit ta' qabel, inqabbluhom mal-firdiet ta' żmien Kristu: Lhud u Pagani, Ġudej u Samaritani, Pubblikani u Żeloti, sinjuri u fqar, eċċ.

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Bl-imġiba u t-tagħlim tiegħu, Ġesù jegħleb id-differenzi ta' kull xorta.
* Ġesù bħala r-ragħaj it-Tajjeb li jrid jiġbor id-dixxipli f'merħla waħda.
* Minn fost id-dixxipli Ġesù jagħżel grupp żgħir biex bħalu jkunu rgħajja tal-merħla tiegħu.
* Ġesù jwiegħed l-Ispirtu biex jagħti r-ruħ lill-komunità ġdida tiegħu.

*Tweġiba*
Skond Ġesù hemm possibilità li nibnu bejnietna għaqda li tkun ġenwina u dejjiema. Ta' min neżaminaw aktar mill-qrib il-karatteristiċi tal-komunità li jipproponi Ġesù.

### 3. **Ħafna ilsna fi lsien wieħed**

*Objettiv*

Fil-ġrajja ta' Pentekoste, l-istudenti jaraw kif tibda sseħħ il-proposta ta' Ġesù li fejn hemm il-ġlied u l-firdiet tinbena l-komunità vera.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*

Nanalizzaw kif m'hemmx komunità mingħajr komunikazzjoni.

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Babel - Il-ġrajja ta' Babel bħala tkissir tal-komunikazzjoni li tfisser tkissir tal-komunità. Fejn jidħol id-dnub, (il-firda minn Alla), tidħol il-firda fost il-bnedmin.

* Pentekoste - Jiġri bil-maqlub ta' Babel. L-Ispirtu jġib li fl-ilsien wieħed isibu l-komunikazzjoni l-ħafna ilsna. L-għaqda ma' Alla li Ġesù kisbilna mill-ġdid bil-mewt u l-qawmien tiegħu jerġgħu jġibu l-għaqda fost il-bnedmin. Is-simbolu tan-nar ikompli juri l-imħabba u l-għaqda li għandu jkun hemm fil-komunità l-ġdida.

*Tweġiba*

Inħossu l-ħtieġa li nfittxu aktar fil-fond din il-proposta ta' Alla. Nifhmu li biex ikun hemm komunità vera u dejjiema bejnietna, irridu nwarrbu d-dnub u nfittxu l-għaqda ma' Alla.

## 4. **Kellhom kollox flimkien**

*Objettiv*

Fid-dawl tal-ħajja ta' l-insara tal-bidu, l-istudenti jaraw aktar fil-fond kif is-solidarjetà ta' bejnietna, l-aktar ma' min hu fil-bżonn, hija karatteristika ewlenija tal-komunità nisranija. Naraw il-ħtieġa li nikbru fiha.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*

Kif aħna l-Maltin qegħdin inħarsu lejn il-qligħ tal-flus minn naħa u l-impenn għas-solidarjetà min-naħa l-oħra.

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn (Atti 2,42)

* Ġużeppi minn Ċipru (Barnaba) (Atti 4,32-37)

* L-għażla tas-seba' djakni (Atti 6,1-7)

* L-attività karitattiva tal-Knisja f'Malta fi żmienna.

* Il-faqar fi żmienna. Impenn għal "politika" ta' solidarjetà

*Tweġiba*

Neżaminaw kemm qed nuru solidarjetà? Kemm nagħtu minn dak li jkollna? Kemm nisilfu? Kemm ngħinu billi nagħtu lilna nfusna?

## 5. **Flimkien fil-qsim tal-ħobż**

*Objettiv*
L-istudenti jagħrfu japprezzaw aktar il-quddiesa bħala espressjoni u bħala għajn tal-komunità nisranija u ħmira ta' kull komunità oħra li fiha jgħix in-nisrani.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
Kif l-istudenti tagħna jħarsu lejn il-quddiesa? Kemm iħarsu lejha bħala espressjoni komunitarja?

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Il-poplu t'Alla l-qadim twieled fl-ikla tal-Patt tas-Sinaj

* Ġesù jħalli li ċ-ċelebrazzjoni tal-patt il-ġdid issir f'għamla ta' ikla

* Qsim tal-ħobż fl-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20,7)

* Nagħmlu ġisem wieħed aħna li nieħdu sehem minn ħobża waħda

* Attivitajiet fil-quddiesa li jesprimu l-għaqda tagħna bħala l-familja ta' Alla: noffru l-istess offerti, nitolbu u nkantaw flimkien, nagħtu l-paċi, nieklu flimkien eċċ.

*Tweġiba*
X'sehem qed nieħdu fil-quddiesa? X'nistgħu nagħmlu biex nuru u nżidu l-aspett komunitarju?

## 6. **Flimkien fit-tagħlim ta' l-Appostli**

*Objettiv*
L-istudenti jagħrfu aktar biċ-ċar li m'hemmx komunità nisranija fejn m'hemmx għaqda fl-istess twemmim u fl-istess valuri kif imwassla lilna mill-Appostli

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
Kemm naħsbu li l-fidi tagħna hija b'saħħitha? Nistgħu ngħidu li nilqgħu lil Ġesù u ma nagħtux kas il-knisja?

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli. Għaliex?
* Il-Bibbja tkun interpretata mill-Knisja. Filippu u l-Etijopu (Atti 8,26-40)
* Id-deċiżjonijiet jittieħdu fil-Knisja: Konċilju ta' Ġerusalemm (Atti 15, 1-11)
* L-ittri ta' l-Appostli
* It-tagħlim tal-isqfijiet u tal-Papa: (Il-Konċilju Vatikan II).

*Tweġiba*
Infittxu fejn illum insibu t-tagħlim ta' l-Appostli.

## 7. **Komunità li tbati u taħfer**

*Objettiv*
L-istudenti jagħrfu l-motivazzjonijiet tal-maħfra nisranija u jitgħallmu jikbru fiha bħala l-ogħla espressjoni ta' l-imħabba li fuqha tista' tinbena komunità sħiħa.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
Xi nħossu meta nirċievu azzjoni ħażina minn xi ħadd? Xi nkunu rridu nagħmlulu? X'inhi l-esperjenza ta' min jaħfer?

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* Stiefnu: "Mulej, tgħoddulhomx dan id-dnub" (Atti 6,1-15; 7,1-60).

* X'jgħallem Ġesù dwar ir-raġunijiet li għalihom għandna naħfru:
  - għax irridu min jaħfrilna
  - għax Alla diġà ħafrilna
  - biex nixbhu lil Alla u nkunu wliedu
  - biex nixbhu lil Ġesù.

* Xhieda ta' qaddisin oħra li ħafru.

*Tweġiba*

Naraw meta nħossuha diffiċli biex naħfru u liema motivazzjonijiet għandna bżonn nitħarrġu fihom.

Inkunu Appostli tal-paċi fost min hu miġġieled.

8. **Komunità bla klassijiet soċjali**

*Objettiv*
L-istudenti jifhmu dejjem aktar li fil-Knisja klassi waħda hemm, dik ta' wlied Alla. Kull bniedem hu msejjaħ biex "ikollu l-istess wirt, ikun membru ta' l-istess Ġisem u jkollu sehem mill-istess wegħda, fi Kristu Ġesù, permezz ta' l-Evanġelju."

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
It-tendenza li biex inżommu ċertu status jew nenfasizzaw ċerta identità, ningħalqu fi gruppi u nħarsu lejn xulxin bħala "aħna" u "huma".

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Pietru jilqa' lil Kornelju fil-Knisja minkejja ċerta reżistenza (Atti 10,22-48)

* Dan jaqbel mal-messaġġ u l-eżempju ta' Ġesù: il-Kagħnanea, is-Samaritani, iċ-ċenturjun.
  Ir-relazzjoni tal-komunità nisranija ma' dawk li għandhom Reliġjonijiet oħra.

*Tweġiba*
Ħidma kontra r-razziżmu, Rispett lejn Reliġjonijiet oħra.

9. **Komunità bla fruntieri**

*Objettiv*
L-istudenti jwessgħu l-viżjoni tagħhom ta' Knisja bħala familja ta' Alla li trid tiġbor fiha l-bnedmin kollha u jeżaminaw l-impenn tagħhom fil-ħidma missjunarja.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
Il-mentalità tagħna l-Maltin dwar sa fejn tasal il-Knisja: Sad-dell tal-kampnar? Sax-xtut ta' Malta? Saċ-ċirku tal-grupp jew Għaqda tagħna?

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Ħarsa lejn il-vjaġġi ta' San Pawl, Appostlu tal-Ġnus.

* L-attività missjunarja fi żmienna.

* Fatti dwar il-Knisja fid-dinja.

Tw*eġiba*

X'nistgħu nagħmlu għall-Knisja f'pajjiżi oħra?

Liema xhieda qegħdin nagħtu lit-turisti li jiġu jżuruna?

## 10. **Il-Knisja bħala komunjoni**

*Objettiv*

Bħala sintesi ta' dak kollu li rriflettejna dwar il-Knisja, l-istudenti jagħrfu kif il-komunjoni hija l-qalba ta' dak kollu li hi u tagħmel il-Knisja. Fid-dawl u bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Kristu, il-Knisja għandha l-qawwa li tegħleb il-għerq tal-firda (id-dnub), għandha viżjoni (il-fidi) li tiġbor il-bnedmin kollha fid-dinjità ta' wlied Alla, għandha s-saħħa li tegħleb kull tfixkil (it-tama), u twassal għall-għaqda sħiħa (l-imħabba).

*Analiżi ta' sitwazzjoni*

Firdiet fostna l-Insara Maltin: fl-isports, fil-politika, fil-festi...

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* "Jiena ta' Pawlu… Jiena ta' Apollo… Jiena ta' Kefa ... Jaqaw Kristu mifrud?" (1 Kor 1,10-13).
* "Ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed..…" (1 Kor 12,12-22).
* "Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina..." (Ġw 17,21). "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi..." (Ġw 13,35).
* Il-ħidma ta' Ġesù kienet li jgħaqqad il-bnedmin ma' Alla u jgħaqqadhom bejniethom. Din hi l-ħidma ewlenija li Ġesù jrid jissokta fil-Knisja u permezz tal-Knisja.

*Tweġiba*

Inkunu "Knisja" fl-ambjenti kollha fejn ngħixu: fid-dar, mal-ħbieb, l-iskola, eċċ.

11. **Posti fil-Knisja**

*Objettiv*
L-istudenti jifhmu aktar biċ-ċar kif hi organizzata l-Knisja f'Malta u, bħala membri ta' din il-komunità li fiha daħlu bis-saħħa tal-magħmudija u tal-griżma, jagħrfu x'sehem jistgħu jagħtu kemm issa u kemm fil-futur. Jaraw b'mod speċjali l-valur tas-saċerdozju u tal-ħajja reliġjuża.

*Analiżi ta' sitwazzjoni*
Kull komunità titlob kollaborazzjoni bejn ħidmiet differenti. Ħarsa lejn il-ħidmiet differenti tal-Knisja f'Malta.

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* Mhux kulħadd appostlu, eċċ...
* Il-kariżmi.
* Is-Sagrament ta' l-Ordni u l-ħajja tas-saċerdot.
* Il-ħajja kkonsagrata.

*Tweġiba*
Naraw x'inhuma t-talenti tagħna minn naħa, u xi ħtiġijiet, x'għaqdiet u x'organizzazzjonijiet hemm fil-parroċċi tagħna min-naħa l-oħra. Nieħdu parir dwar x'nistgħu nagħmlu fil-komunità parrokkjali jew fiż-żona fejn qed ngħixu.

## 12. **Xirka ta’ qaddisin**

*Objettiv*
L-istudenti jifhmu aħjar u japprezzaw il-Knisja bħala familja li tibqa’ tiġbor fiha wkoll kemm lil dawk ħutna mejtin li qegħdin jissaffew mit-tinġiż tal-ħażen li kienu għamlu u kemm lil dawk li qegħdin igawdu ’l Alla fil-ġenna.

*Analiżi ta’ sitwazzjoni*
Kif aħna l-Maltin inħarsu lejn il-qaddisin? X’importanza nagħtuhom? Għaliex nitolbuhom?

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* Fil-Knisja sirna ġisem wieħed għax ingħaqadna ma’ Kristu bħala r-Ras tagħna u ngħatatilna l-istess ħajja bl-Ispirtu s-Santu. Meta l-membri tal-Knisja jmutu, f’għaqda ma’ Alla, din l-għaqda fil-Knisja tkompli tissaħħaħ.

* Sa minn din id-dinja l-membri tal-Knisja jissejħu “qaddisin” (Atti 9,13; 1 Kor 6,1). Qaddis hu min jieħu sehem mill-ħajja ta’ Alla li hu “waħdu qaddis”.

* Il-Knisja hi qaddisa. Hu fil-Knisja li nitwieldu u nikbru fil-ħajja ta’ Alla. Hu fil-Knisja li nsibu “l-milja tal-mezzi kollha tas-salvazzjoni”.

* Għaqda ma’ ħutna tal-purgatorju; ma’ ħutna “li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta’ Alla, iżda mhumiex safja għal kollox”. Kif nesprimu l-għaqda magħhom.

* Għaqda ma’ ħutna li qed igawdu ’l Alla fil-ġenna. Kif nesprimu l-għaqda tagħna magħhom.

*Tweġiba*
Naraw kif niftakru u nitolbu għall-ħutna fil-purgatorju.
Kif niftakru u nżommu ħbiberija ħajja ma’ ħutna l-qaddisin.

## It-Tielet Klassi

### *Lejn il-Ħajja 3*
### *(Niddeċiedu aħna - nibnu l-kuxjenza)*

Objettiv Ġenerali

Huwa veru li biex jiżviluppa b'mod sħiħ u armoniku, wieħed irid jagħraf u jieħu ħsieb l-aspetti kollha tal-personalità mingħajr ma jinjora jew jittraskura ebda waħda. Imma huwa veru wkoll li l-bniedem huwa bniedem għax huwa responsabbli ta' ħajtu u ta' l-iżvilupp tiegħu. Fuq kollox, għalhekk wieħed irid ifittex li jagħraf, japprezza u jitħarreġ fid-dimensjoni morali li tagħti l-valur uman lill-attivitajiet l-oħra.

L-istudenti ta' Form 3 qegħdin fit-tmiem tal-preadolexxenza u fil-bidu ta' l-adolexxenza. Qegħdin fiż-żmien fejn bħala riżultat ta' l-iżvilupp fiżiku u intellettwali, bdew ukoll resqin lejn livell avanzat u ta' ċerta konsistenza fl-iżvilupp morali. Qegħdin iħossuhom dejjem aktar responsabbli ta' dak li jiddeċiedu u ta' dak li jagħmlu.

Interessanti wieħed jinnota li fil-kwestjonarju li ssemma qabel, (kwestjonarju li ntbagħat lil 410 studenti subien u bniet ta' Form I, II u III), dawk is-suġġetti li fuqhom iridu jisimgħu l-aktar fil-klassi tar-reliġjon huma dwar l-imġiba fejn jidħol is-sess (78 %), l-imġiba mal-ġenituri (68 %), l-imġiba mal-ħbieb (67 %),– kollha suġġetti ta' natura morali fejn is-sens ta' responsabilità u ta' awtonomija fid-deċiżjoni idaħħalhom f'konflitti aktar radikali. Aktar ma jikber, l-adolexxent irid ikun aktar il-protagonista ta' dak li jiddeċiedi u li jagħmel.

L-Objettiv ġenerali tal-programm ta' din is-sena huwa li ngħinu lill-istudenti jibnu fihom sens qawwi ta' responsabbiltà fl-għażliet li wieħed irid jieħu quddiem il-Persuna u l-messaġġ ta' Kristu. Irridu nipproponulhom b'mod aktar oġġettiv u dokumentat, x'jiġifieri ġġib ruħek ta' nisrani ma' Alla u ma' xulxin, u b'mod partikulari, l-atteġġjament nisrani lejn dawk ir-realtajiet li jolqtuhom l-aktar mill-qrib, fosthom l-imġiba mal-ġenituri, mal-ħbieb u ma' membri tas-sess l-ieħor.

1. **Nagħżel Jien**

*Objettiv*
Mir-riflessjoni fuq il-ġibdiet, ix-xewqat, il-gosti u d-dwejjaq li jġarrbu, l-istudenti jagħrfu aktar fil-fond huma min huma u jibdew jifhmu aħjar x'jiġifieri jkollok personalità ta' bniedem.

*Analiżi*
Siltiet minn "djarji" ta' adolexxenti li juru l-aspetti differenti tal-personalità li qed tinbidel.

*Kontenut*

* Għandi ġisem li narah jikber u jiżviluppa. Inħoss li hu importanti ħafna kif "nidher" quddiem sħabi.

* Għandi moħħ biex naħseb. Bdejt nifhem aktar fil-fond. Il-possibilitajiet u l-limiti ta' l-intelliġenza.

* Għandi l-libertà li nagħżel. Ma rridx min jindaħalli. Irrid inkun jien li nagħżel. Il-ġmiel u l-perikli tal-libertà.

* Dak li jagħmilni differenti minn annimali oħra hija l-kuxjenza. Il-kuxjenza li twassalni biex (a) nagħraf il-verità (b) nagħżel dak li hu veru u tajjeb.

* Nikber bħala bniedem ifisser li nikber fil-moħħ, jiġifieri infittex dak li hu veru u li hu tajjeb, u li nikber fil-qalb, jiġifieri li nagħżel u nagħmel dak li nagħraf li hu sewwa.

*Tweġiba*
Nagħżel jien. Imma xorta rrid infittex gwida li tista' tgħinni nieħu deċiżjonijiet bil-għaqal.

2. **Gwida fit-tfixkil**

*Objettiv*
L-istudenti jivvalutaw it-tfixkil li miegħu jridu jħabbtu wiċċhom fid-deċiżjonijiet li jridu jieħdu u jagħrfu aktar biċ-ċar kif f'Ġesù, il-bniedem tal-verità u tal-libertà, jistgħu jsibu d-dawl fl-għażliet u fl-imġiba tagħhom.

*Analiżi*
Ma' liema perikli rrid inħabbat wiċċi biex nista' "nagħżel jien" b'mod tajjeb u li jkun ta' ġid? Żewġ perikli ewlenin: il-periklu li niżbalja għax ma nkunx tgħallimt x'inhu t-tajjeb jew ħażin: il-periklu li nċedi quddiem ċerti tentazzjonijiet għax ikolli rieda dgħajfa.

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Ġesù l-milja tal-verità. Fid-dawl tiegħu nagħrfu x'inhu t-tajjeb u l-ħażin
- "Isimgħu lilu". Fit-Trasfigurazzjoni Ġesù jidher il-milja tat-Testment l-Antik kollu.
- "Għalhekk twelidt u għalhekk ġejt fid-dinja biex nixhed għall-verità..."
- "Imma jiena ngħidilkom..." Fih il-liġi ta' Alla issib il-milja tagħha.

* Ġesù, il-milja tal-libertà. Bil-qawwa tiegħu nistgħu nirbħu kull tentazzjoni.
- Ġesù jegħleb it-tentazzjoni tax-xitan; ma jiġix ikkondizzjonat mill-pressjoni tad-dixxipli... "Tridux tmorru intom ukoll?"
- Ġesù jegħleb it-tentazzjoni ta' dawk li kienu kontrih, ma jiġix ikkondizzjonat mill-persekuzzjoni ta' l-għedewwa, mit-tbatija, mill-mewt.

*Tweġiba*
"Għand min tridna mmorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem." Kif nagħżlu 'l Ġesù bħala l-ogħla gwida li twassal għall-verità u għar-rebħa fuq it-tentazzjonijiet.

## 3. **Imġibitna lejn Alla: nagħtuh l-ewwel post**

*Objettiv*
L-istudenti jagħrfu aktar biċ-ċar kif il-qalba ta' l-imġiba nisranija trid tkun l-imħabba: imħabba li tiġi minn Alla u li qabel kollox trid tkun indirizzata lejh.

*Analiżi*
X'naħsbu li jippretendu l-ġenituri minn uliedhom iż-żgħar.

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* Alla għamilna wliedu. Mal-ħajja ġdida li tana fil-magħmudija tana sehem mill-imħabba li biha jħobb hu.
* L-ewwel atteġġjament tan-nisrani huwa li japprezza dak li rċieva minn Alla u bi spirtu qawwi ta' ringrazzjament jagħtih l-ogħla rispett u mħabba.
* "Ħobb il-Mulej ... Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed" (Matt 22,38; Mark 12,28-34).
* Imħabba li tesprimi lilha nnifisha f'rispett. F'dan il-Unit naraw l-ewwel meta nonqsu minn dan ir-rispett:
  - Is-superstizzjoni; it-taħbir permezz ta' l-oroskopju: il-qari tal-karti, eċċ
  - Id-dagħa u kliem pastaż kontra Alla, il-Madonna jew qaddisin.
  - Il-ġuramenti foloz.

*Tweġiba*
X'se nagħmlu biex negħlbu n-nuqqasijiet fir-rispett li għandu jkollna lejn Alla fil-ħajja ta' kuljum.

4. **Inżommu kuntatt miegħu**

*Objettiv*
L-istudenti jsiru aktar konxji li l-imħabba lejn Alla tidher minn kemm nikkomunikaw miegħu. Ngħinu lill-istudenti jaraw il-valur tat-talb bħala komunikazzjoni ta' fiduċja u ta' mħabba ma' Alla, kemm meta dan jagħmluh waħedhom, u kemm meta jagħmluh ma' oħrajn.

*Analiżi*
It-talb x'jiswa? X'jaħsbu l-kbar? X'jaħsbu l-istudenti

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* Talb differenti kif insibuh fl-Atti: talb ta' tifħir lil Alla, talb għall-kuraġġ, talb għall-ħelsien ta' Pietru, talb għad-dawl biex jagħrfu jieħdu deċiżjoni tajba, talb biex jikseb il-maħfra ta' l-għedewwa, eċċ.

* In-nifs tal-ħbiberija hija l-komunikazzjoni. In-nifs ta' l-għaqda ma' Alla huwa t-talb. Tiftaħ qalbek ma' Alla.

*Tweġiba*
Modi differenti kif nistgħu nitolbu. Liema ħiliet irridu nitgħallmu.

5. **Imġibitna lejn xulxin**

*Objettiv*
L-istudenti jagħrfu aktar fid-dettalji kif tesprimi ruħha fil-prattika l-imħabba li tiġi minn Alla u li, bħala l-wiċċ l-ieħor ta' l-istess medalja, trid tkun indirizzata lejn il-proxxmu.

*Analiżi*
X'jidhrilna mill-mod kif aħna l-Maltin nuru l-imħabba tagħna lejn il-proxxmu? B'liema azzjonijiet qed nonqsu l-aktar minn din l-imħabba?

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* In-nisrani jħobb il-proxxmu bl-istess imħabba li biha jħobb Alla. Nagħrfu kif tassew iħobb Alla, meta naraw kif ħabb Ġesù.

* Ġesù ma għamilx ħsara lil ħaddieħor: la bil-kliem – tgħajjir, laqmijiet, tgħid id-difetti, tigdeb fuq ħaddieħor... u anqas bl-għemil – swat, azzjonijiet ta' offiża, ma nagħtux eżempji tajba...

* Ġesù ħaseb f'ħaddieħor u għamel il-ġid.. "Henjin dawk li jħennu u dawk li jġibu l-paċi".

* "Ħobbu 'l-għedewwa tagħkom." "Mur l-ewwel ftiehem ma' ħuk, imbagħad..."

* L-imħabba tal-proxxmu bħala d-"distintiv" tan-nisrani.

*Tweġiba*
Naraw fiex qed nonqsu lill-proxxmu tagħna. Insibu l-aħjar mezzi biex negħlbu dawn in-nuqqasijiet u ngħinu aktar lil ħaddieħor.

## 6. **Ħbiebi tal-qalb**

*Objettiv*
Waqt li jħossu tikber fihom it-tendenza għall-awtonomija, l-istudenti jħossu aktar il-ħtieġa tal-peer group u, fost il-peer group, il-ħtieġa ta' ħabib jew tnejn li jkunu aktar tal-qalb. Wara li rriflettew fuq l-imħabba tal-proxxmu bħala d-distintiv tan-nisrani, l-istudenti issa jaraw kif din l-imħabba jgħixuha fl-ambjent tal-ħbieb aktar intimi.

*Analiżi*
Kemm hu importanti l-*peer group* għall-adolexxenti. Kemm hu importanti li fost il-ħbieb wieħed ikollu wieħed jew tnejn li jkunu ħbieb tal-qalb. X'inhuma l-karatteristiċi ta' din il-ħbiberija.

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* David u Ġonatan (1 Samwel Kap 18,19, 20).
Fiduċja reċiproka; nista' nafdak, naf li tistmani, naf li ma tikxifnix, naf li żżomm kelmtek. (Taħriġ fi skills)

* Ġesù: "Sejjaħtilkom ħbieb...dak li smajt għedtulkom" (Ġw 15,15)
Komunikazzjoni reċiproka: kapaċità li tisma'; kapaċità li tesprimi ħsibijietek; empathy; sinċerità (Taħriġ fi skills)

* San Pawl: "Għożżejniekom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju, imma ħajjitna stess". (I Tess 2,8). "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin" (Gal 6,2).

*Sharing:* Taqsam ħajtek fil-ġid u fin-niket. M'hemmx għira u ambizzjoni, iżda tistma lill-ieħor aħjar minnek. Tagħti bil-ferħ.

*Tweġiba*

* Kif nagħżel il-ħbieb li nagħmilha magħhom; bilanċ bejn il-moħħ (dak li naf u nemmen) u bejn il-qalb (dak li nħoss) biex ma naqax fil-konformiżmu.

* Kemm nista' ngħid li jien ħabib tassew? X'jonqosni/ X'nista' nirranġa?

## 7. **Tfajliet u ġuvintur**

*Objettiv*
Issa li għaddejjin mill-fażi tal-pubertà, l-istudenti jagħrfu aktar fil-fond il-viżjoni nisranija tas-sesswalità u jsibu gwida dwar kif jintegraw fl-iżvilupp globali tal-personalità tagħhom kemm l-imġiba mas-sess l-ieħor, u kemm l-attività sesswali in ġenerali.

*Analiżi*
Is-sitwazzjoni ta' l-adolexxenti tagħna fejn għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp sesswali: X'inhu dan l-interess ġdid u qawwi lejn is-sess l-ieħor? X'hemm tajjeb u x'hemm ħażin fejn jidħol is-sess?

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Is-sesswalità bħala rigal ta' Alla. Il-ġisem tar-raġel u tal-mara kif ukoll il-ġibda lejn is-sessi, bħala ħaġa "tajba ħafna." (Ġen 1,31) Il-ġisem bħala tempju ta' l-Ispirtu s-Santu.

* Is-sess bħala parti essenzjali tal-personalità irid ikun integrat mad-dimensjonijiet l-oħra tal-persuna.

* L-għaqda sesswali sħiħa bħala s-sinjal tal-għotja sħiħa li raġel u mara jagħtu lil xulxin. Din l-għotja sseħħ fiż-żwieġ (Ġen 2,24) li fih Alla jagħti sehem minn imħabbtu lill-miżżewġin u jseħibhom miegħu fil-ħolqien ta' ħajjiet ġodda.

* Il-moralità ta' atti marbutin ma' l-attività sesswali:
  a) sess qabel iż-żwieġ b) il-masturbazzjoni c) il-pornografija d) il-kliem pastaż u oxxen e) nudiżmu fuq ix-xtut, eċċ.

*Tweġiba*
Nitħarrġu fis-safa bħala gwida għall-istint sesswali biex nintegraw fl-iżvilupp tal-persuna għas-servizz ta' l-imħabba kif jifhimha Alla. Kif negħlbu t-tentazzjonijiet.

## 8. **Dawk l-imberkin ta' ġenituri**

*Objettiv*
Waqt li jirrifflettu fuq it-tendenza li qed tikber fihom biex joħorġu mill-orbita tal-awtorità tal-ġenituri u jimxu lejn awtonomija aktar personali, l-istudenti jinterpretaw dak li qed jiġri fihom fid-dawl tal-kelma ta' Alla u jgħixu b'mod aktar matur u responsabbli r-rispett u l-ubbidjenza li għandu jkollhom lejn il-ġenituri.

*Analiżi*
X'inhuma l-kwalitajiet li napprezzaw fil-ġenituri fir-rabta tagħhom ma' wliedhom? Meta naħsbu li jesaġeraw f'dak li jitolbu minn uliedhom? X'qiegħed jiġri meta l-ulied adolexxenti ma jaqblux mad-deĊiżjonijiet tal-ġenituri?

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* "Agħti ġieħ lil missierek u 'l ommok" (Eż 20,12. Dt 5,16). Il-karatteristiċi ta' dan il-kmandament.
  - "Agħti ġieħ" hu aktar wiesa' minn "obdi."
  - Hu kmandament "pożittiv."
  - L-istess verb hu użat fir-rabta lejn Alla.
  - Għaliex il-ġenituri jixirqilhom ir-rispett.

* L-eżempju ta' Ġesù. Kien sottomess lejhom, iżda fl-istess waqt is-Saltna ta' Alla tiġi qabel.

* Fil-prattika x'jiġifieri "nuru rispett" lejn il-ġenituri. X'forma jieħu r-rispett meta (a) inkunu tfal; (b) inkunu żgħażagħ; (ċ) inkunu kbar.

* Meta għandhom dritt jikkmandaw.
  Meta għandhom dritt jagħtu parir biss.
  Meta għandhom dritt jikkundannaw.

*Tweġiba*
Nagħtuhom l-imħabba u r-rispett li jixirqilhom. Neżaminaw kif nikkomunikaw magħhom meta f'xi kwistjoni: (a) naħsbu li għandhom raġun huma; (b) naħsbu li għandna raġun aħna.

## 9. **Pajjiżna**

*Objettiv*
L-istudenti jagħrfu aktar biċ-ċar x'inhu s-sehem tagħhom fl-iskola u fis-soċjetà u kif dan is-sehem ukoll għandu jkun espressjoni tal-imġiba morali u tal-imħabba nisranija.

*Analiżi*
Kemm għandna "sens ċiviku"? L-ordnijiet ta' l-iskola u l-liġijiet ta' l-Istat kemm jobbligaw fil-kuxjenza?

*Fid-dawl tal-messaġġ*

* Il-bniedem jeħtieġ il-ħajja soċjali: il-ħajja soċjali teħtieġ bnedmin li jkollhom u jħaddmu l-awtorità.

* Kull awtorità leġittima ġejja minn Alla : (Għerf 6,2-4), (Matt 22,17-21), (Ġw 19,11), (Rum 3, 1-17).

* Huwa dmir fil-kuxjenza li nirrispettaw lil min qiegħed fl-awtorità u li nobdu l-liġijiet.

* Ladarba ġejja minn Alla kull awtorità umana mhix assoluta iżda trid titħaddem skond il-liġi ta' Alla, il-ġid komuni u d-dinjità tal-persuna.
  (1 Slat 21,1-26), (Atti 4,18-20).

* Wieħed ma għandux jobdi liġijiet li jmorru kontra l-liġi morali; kemm jista' għandu jfittex li jikkritika bi spirtu kostruttiv lil min jabbuża mis-setgħa. (Matt 23,5-6), (Ġw 19,11)

* L-awtorità għandha titħaddem bħala servizz u l-ubbidjenza bħala rispett.

*Tweġiba*
Nagħtu sehemna għall-ġid ta' l-iskola: indafa, puntwalità, eċċ.
Nitħarrġu fis-sens ċiviku fir-raħal u fil-pajjiż: nirrispettaw il-liġijiet, inħarsu l-proprjetà pubblika, eċċ.

10. **Lejn ħajja li tibqa'**

*Objettiv*
L-istudenti jħarsu lejn ħajjithom bħala mixja li tilħaq il-milja u l-iskop aħħari tagħna fil-għaqda ma' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu fil-ġenna. F'dan l-aħħar Unit flimkien it-temi ta' "mixja" (Form I), ta' "komunità" (Form II), u ta' "responsabilità" (Form III).

*Analiżi*
Ideat li għandna dwar il-ġenna. Għaliex nixtiquha? Fil-ġenna nittamaw li nsibu l-milja sħiħa ta' xewqatna.

*Fid-dawl tal-messaġġ*
* "Kemm hu sew li aħna hawn".

* Fil-ġenna naraw 'l Alla kif inhu u nidħlu f'għaqda sħiħa miegħu. Naraw 'l Alla bħala għaqda sħiħa tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

* Il-Knisja fassalha l-Missier, waqqafha l-Iben u qed jagħtiha l-ħajja l-Ispirtu s-Santu.

* L-għaqda tat-Trinità Qaddisa hija l-mudell u l-qawwa tal-għaqda tagħna f'din id-dinja.

* Il-mixja ta' ħajjitna li bħala persuna responsabbli nagħmlu fil-komunità ta' l-aħwa tilħaq l-iskop aħħari tagħha fil-għaqda mat-Trinità Qaddisa fis-sema.

*Tweġiba*
Tama u kuraġġ kbir fil-futur.

(approvat mill-isqfijiet 17/7/1991)

# Sillabu tar-Reliġjon għal Klassijiet IV, V

# PRINĊIPJI - GWIDA

***Kummissjoni Kateketika Nazzjonali - Malta***

l. L-Objettiv prinċipali tas-sillabu huwa l-maturazzjoni tal-ħajja reliġjuza ta' l-istudenti fil-kuntest tal-maturazzjoni edukattiva globali tagħhom, fl-ambjent skolastiku. Irid jgħin lill-istudenti, issa li mxew 'il quddiem fl-iżvilupp intellettwali u morali tagħhom, biex b'mod kritiku u responsabbli, jagħrfu, jivvalutaw u jintegraw fi proġett ta' ħajja, id-dimensjoni reliġjuża ta' l-esperjenza umana u d-dimensjoni umanizzanti tal-messaġġ nisrani.

Il-ħtieġa li l-istudenti jikkwalifikaw għal xi eżami hija subordinata għal dan l-objettiv primarju.

Dawn l-aħħar sentejn ta' l-iskola sekondarja huma żmien li fih l-adolexxenti jkollhom ifittxu l-identità tagħhom (jien min jien?), is-sehem li se jkollhom fis-soċjetà (x'se nagħmel?), u l-idejal li jiġbor flimkien l-aspirazzjonijiet u l-ħolm li kiber magħhom u li jitfagħhom b'kuraġġ u b'impenn fl-ħajja ta' barra mill-iskola (jien x'nixtieq inkun?).

F'dawn is-sentejn, ir-reliġjon trid tgħin lil dawn l-adolexxenti biex waqt li jirriflettu fuq il-proġett irrivelat minn Alla fi Kristu Ġesù, jifhmu aħjar dawn il-mistoqsijiet u jagħrfu jfittxu tweġiba għalihom. Dan jimplika li bħala objettivi aktar partikolari, dan is-sillabu:

a) irid jagħti viżjoni aktar objettiva u organika tar-realtajiet/veritajiet bażiċi tal-messaġġ nisrani;

b) irid juri kif dawn ir-realtajiet reliġjuzi huma marbutin u rilevanti għall-ħajja ta' l-adolexxenti tagħna;

ċ) irid juri kif il-problemi eżistenzjali l-kbar ta' l-adolexxenti tagħna jsibu fil-messaġġ nisrani dawl ta' interpretazzjoni, direzzjoni ta' soluzzjoni u gwida għall-azzjoni.

2. Fl-edukazzjoni reliġjuza, Form IV u Form V huma meqjusin bħala ċiklu wieħed; l-aħħar wieħed fl-edukazzjoni obbligatorja. Is-sillabu, għalhekk, jieħu dawn is-sentejn flimkien.

*"In riferimento alle tappe progressive della maturità cristiana, la sistemazione delle conoscenze e delle esperienze deve avvenire secondo programmi ciclici che, sulla base dei progressi spirituali acquisiti, allargano sempre meglio l'orizzonte della fede."*

*(Doc. Base l74)*

3. Fis-sekwenza tat-temi, is-sillabu, kemm hu possibbli, jintegra flimkien l-itinerarju teoloġiku ma' l-itinerarju psikoloġiku. Waqt li jippreżenta t-temi bl-ordni li bih tippreżentahom l-Istorja tas-Salvazzjoni bi Kristu bħala l-fulkru ċentrali, jagħżel dawk it-temi li l-aktar jolqtu l-esiġenzi eżistenzjali ta' l-istudenti.

*"L'adesione a Gesù Cristo deve ampliarsi e approfondirsi in uno sviluppo organico che soddisfi al bisogno di fede di ciascuno, secondo la sua vocazione e situazione, rendendo conto, quanto più possibile, dell'oggettiva ricchezza della Rivelazione."*

*(Doc. Base 74)*

*"Nel fare catechesi, la chiesa propone ai credenti non soltanto i grandi contenuti della fede che scaturiscono in ogni tempo e luogo da una mediazione attenta del mistero di Cristo, ma con viva sensibilità pastorale, svolge anche i temi, che le condizioni storiche e ambientali rendono particolarmente attuali ed urgenti.*

*Anzi, il messaggio cristiano non sarebbe credibile, se non cercasse di affrontare e risolvere questi problemi. Ne si tratta di una semplice preoccupazione didattica o pedagogica. Si tratta invece di un' esigenza di incarnazione essenziale al cristianesimo."*

(Doc. Base 96) (cf. G.S. 43; 46)

4. It-temi magħżula ma jiġux neċessarjament ittrattati b'mod sħiħ minn kull aspett, imma jkunu ppreżentati minn dik il-perspettiva li l-aktar tolqot l-esiġenzi eżistenzjali ta' l-istudenti ta' din l-età: e.g. Alla ma jiġix ippreżentat fih innifsu fl-attributi kollha tiegħu, imma mill-mod kif irrevela lilu nnifsu bħala Alla għani fis-setgħa u fil-ħniena li jrid jiġġarantixxi l-vera dinjità,

libertà u salvazzjoni tal-bniedem. L-istess jgħodd għall-preżentazzjoni ta' Ġesù Kristu, eċċ.

Din l-għażla hi determinata wkoll mill-ħin għad-dispożizzjoni fl-iskejjel tagħna u mil-livell kulturali ta' l-istudenti tagħna.

> *"La misura e il modo di questa pienezza del mistero di Cristo sono variabili e relativi alle attitudini e necessità di fede dei singoli cristiani e al contesto di cultura e di vita in cui si trovano."*
>
> *(Doc. Base 75)*

5. Il-proċediment li normalment jintuża fl-iżvilupp ta' kull tema huwa dak antropoloġiku/eżistenzjali/induttiv. Jitlaq mill-ideat, preġudizzji, xewqat, problemi, tendenzi u esperjenzi taż-żgħażagħ tagħna, biex imbagħad jara x'dawl u xi prospettivi jitfa' l-messaġġ nisrani fuq dawn l-esperjenzi:

> *"chiunque voglia fare all'uomo d'oggi un discorso efficace su Dio, deve muoversi dai problemi umani e tenerli sempre presenti nell' esporre il messaggio. È questo, del resto, esigenza intrinseca per ogni discorso cristiano su Dio."*
>
> *(Doc. Base 77)*
>
> *"La parola di Dio deve apparire ad ognuno come un'apertura ai propri problemi, una risposta alle proprie domande, un allargamento ai propri valori ed insieme una soddisfazione alle proprie aspirazioni."*
>
> *(Doc. Base 52)*

## IR-RABA' KLASSI

## *IL-PROĠETT TA' ALLA GĦAL ŻVILUPP SĦIĦ*

### 1. Ir-Reliġjon x'tiswa?

a) *Esperjenza*

Kif iż-żgħażagħ iħarsu lejn it-twemmin u l-prattika tal-fidi. Il-kriżi tal-fidi taż-żgħażagħ u minn fejn ġejja.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*

Il-bnedmin kollha jħossu l-bżonn li jemmnu f'xi ħadd jew f'xi ħaġa. Ir-reliġjonijiet bħala tweġiba għall-mistoqsijiet fundamentali tal-ħajja. Ħarsa lejn x'jiġifieri temmen: nagħrfu d-differenza bejn fidi u ertezza xjentifika, bejn fidi u superstizzjoni, maġija, okkult. Fidi bħala konvin-zjoni interna li tnissel fiduja.

ċ) *It-tweġiba tagħna*

Temmen u ma temminx xorta? Għalfejn il-fidi reliġjuża? Il-fidi tagħti viżjoni u sens lill-ħajja tal-bniedem u kuraġġ biex negħlbu kull tfixkil. Nies li sabu l-iskop ta' ħajjithom fil-fidi nisranija.

## 2. Il-Kelma tal-Mulej

a) *Esperjenza*
Il-Bibbja – kif ħarsu lejha n-nies ta' kull żmien u kif iħarsu lejha l-Maltin.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
- Il-Bibbja x'inhi: Il-Kelma ta' Alla fi kliem il-bniedem: Ispirazzjoni.
- Alla ma jħallix il-bniedem ifittex waħdu, iżda jidħol fl-istorja tagħna u juri lilu nnifsu fil-ġrajjiet u l-kliem ta' din l-istorja.
- Il-Bibbja bħala ġrajjiet u kliem.
- Il-ġrajjiet fundamentali ta' l-Istorja tas-Salvazzjoni. Ir-rabta bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid.
- Kif inkitbu, ġew stabbiliti u waslu sa għandna l-Kotba tal-Bibbja.
- Il-Bibbja kif għandna nifhmuha: kif ninterpretawha u x'għandna nfittxu fiha.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
B'liema attitudni għandna nersqu lejn il-Bibbja. X'post għandu jkollha f'ħajjitna.

## 3. Fil-Bidu

a) *Esperjenza*
Il-problema tat-tbatija. Ħarsa lejn it-tbatija fiżika, morali spiritwali fi żmienna. Kif iħarsu n-nies lejn it-tbatija.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
Il-messaġġ ta' Ġenesi l-3: L-għanja tal-ħolqien: Alla ħalaq kollox tajjeb. L-Evoluzzjoni fid-dawl tal-Bibbja. Id-dnub bħala firda minn Alla u bħala l-għerq tal-firda tal-bnedmin bejniethom, tal-bniedem fih innifsu, u tal-bnedmin mill-ħolqien.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
Id-dnub tad-dinja (id-dnub oriġinali) iniġġes lil kull bniedem li jitwieled. Il-bniedem ferut bid-dnub m'għandux il-ħila jsalva lilu nnifsu. "Min se jeħlisni?"

**4."Min se jeħlisni?" – Alla li jsalva**

a) *Esperjenza*
Kif inħarsu lejn Alla? Bħala xi ħadd li nfittxuh biss meta jkollna bżonnu? Bħal xi ħadd li trid tħallsu biex forsi jagħtik xi ħaġa? Bħal xi ħadd 'il bogħod li ma jimpurtahx mill-interessi tagħna?

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
Alla jurina min hu u xi jrid ikun għalina:

- L-Eżodu: Alla bħala l-bidu, it-triq u l-iskop tal-ħelsien tassew;

- Il-Patt: Alla jidħol f'rabta ta' ħbiberija magħna;

- Il-Kmandamenti: Alla jagħtina t-triq u r-rahan ta' żvilupp sħiħ.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
It-tweġiba li Alla jistenna mill-bniedem: Fidi - Fiduja - Fedeltà.

## 5. Lejn żvilupp sħiħ - Ġesù Kristu

a) *Esperjenza*
X'qalu u x'jgħidu n-nies fuq Ġesù. X'jgħidu ż-żgħażagħ. Il-valur storiku ta' dak li nafu fuq Ġesù: dokumenti pagani u l-Vanġelji.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
X'sabu d-dixxipli f'Ġesù:

- Il-Bniedem fil-milja tiegħu; il-Bniedem fl-ogħla u fl-aqwa kwalitajiet tiegħu: bniedem tassew liberu, ta' karattru sod, ta' onestà straordinarja, ta' għerf semplii u fl-istess ħin profond, bniedem ta' qalb tassew kbira u ġeneruża lejn Alla u lejn kulħadd, l-aktar lejn iż-żgħir.

- Tagħlim u għemil mogħti bis-setgħa - il-Bxara t-tajba.

- Il-Mulej qam tassew mill-mewt, qiegħed fil-glorja tal-Missier, Alla minn Alla, dawl minn dawl, ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, it-Triq, il-Verità, il-Ħajja.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
Quddiem Ġesù, x'inhi t-tweġiba tagħna? Kif se nilqgħuh? Irridu nagħżlu. Deċiżjoni ta' ħajja jew ta' mewt.

## 6. Flimkien - Il-Knisja

a) *Esperjenza*

X'inhuma l-ideat u l-atteġġjamenti l-aktar komuni li jeżistu fuq il-Knisja fostna l-Maltin. X'jidhrilna minnhom?

b) *Id-dawl tal-messaġġ*

- Il-Knisja bħala l-proposta ta' Ġesù biex tgħaqqad il-bnedmin ma' Alla u bejniethom. Il-Knisja bħala l-Poplu l-ġdid ta' Alla u l-qalba tas-Saltna tiegħu fostna.

- L-Ispirtu s-Santu jagħti twelid u jgħajjex 'il-Knisja; il-Knisja bħala l-Ġisem ħaj ta' Kristu - Knisja Qaddisa. L-Ispirtu jibni l-Knisja permezz tad-doni tiegħu: Kariżmi u Ministeri; il-Ġerarkija - Isqfijiet, Papa u presbiteri - Knisja Apostolika. L-awtorità bħala servizz. Il-Ħajja Reliġjuża.

- Kulħadd mistieden jagħmel sehem minn dan il-Ġisem. Knisja Waħda u Kattolika. L-Ekumeniżmu u l-Missjonijiet.

ċ) *It-tweġiba tagħna*

It-tfittxija ta' rabtiet ta' ħbiberija fost il-bnedmin u fost iż-żgħażagħ; il-mixja lejn is-solidarjeta' u l-interdipendenza. X'rabta hemm bejn il-Knisja u dan il-proċess. Kif inwieġbu għall-proposta ta' Kristu biex inkunu membri ħajjin f'din il-Knisja u f'dan il-proċess.

## 7. Għall-maħfra u r-rikonċiljazzjoni

a) *Esperjenza*

L-esperjenza tal-ħażen li jifred u jdallam; l-esperjenza tal-maħfra li tfejjaq u ġġedded . X'ideat u x'atteġġjamenti għandna lejn il-maħfra.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*

Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Ġesù jissokta l-ħidma tiegħu ta' rikonċiljazzjoni b'diversi modi.

Is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni bħala ħbiberija mill-ġdid ma' Alla u bħala ħbiberija mill-ġdid ma' ħutna.

ċ) *It-tweġiba tagħna*

Kif niċċelebraw il-Qrar bi frott u nkomplu ngħixuh għall-fejqan u l-iżvilupp tagħna u tal-komunità.

## 8. Għaċ-ċelebrazzjoni tal-għaqda

a) *Esperjenza*
X'inhuma l-ideat u l-atteġġjamenti tagħna l-Maltin lejn il-quddiesa, l-aktar tal-Ħadd. X'jidhrilna minnhom?

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
Waqt li fl-aħħar ena jielebra l-festa ta' l-Għid, it-tifkira ta' l-Eżodu u tal-patt ta' Alla mal-poplu, Ġesù jibda jwettaq il-veru passaġġ mill-mewt għall-ħajja u l-Patt il-Ġdid b'demmu. Il-quddiesa bħala tiġdid u tisħib f'dan il-patt: ċelebrazzjoni tal-għaqda tagħna ma' Alla u tal-għaqda bejnietna.

Il-jum tal Ħadd bħala Jum il-Mulej, jum it-tiġdid tal-Patt.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
B'liema atteġġjament nieħdu sehem sħiħ u bi frott fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija: atteġġjament ta' tifħir u ringrazzjament, ta' offerta tagħna nfusna lil Alla, ta' għaqda bejnietna.

Għaliex u kif għandna niċċelebraw Jum il-Mulej.

## 9. Għall-bini ta' dinja ġdida

a) *Esperjenza*
Impenn għal-"liberazzjoni" fid-dinja ta' żmienna.

X'jaħsbu ż-żgħażagħ dwar kif l-Insara jqisu s-salvazzjoni: salvazzjoni "tar-ruħ" biss? Ta' l-individwu għalih waħdu? Jew salvazzjoni tal-bniedem sħiħ u tal-istrutturi tas-soċjetà?

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
Il-ħidma ta' Kristu favur il-bniedem sħiħ:

- L-impenn tiegħu biex ifejjaq il-firdiet soċjali, politiċi u razzjali. Rabta bejn l-imħabba lejn Alla u l-imħabba lejn il-proxxmu, bejn il-ġid tar-ruħ u l-ġid tal-ġisem.

- Dan l-impenn jissokta matul iż-żminijiet fil-ħajja u t-tagħlim tal-Knisja: il-ħidma favur il-fqar u prinċipji tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
L-impenn u s-sehem taż-żgħażagħ fil-bini tas-soċjeta' ta' l-imħabba – L-impenn tagħna għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet u d-dmirijiet tal-bniedem. Is-sehem tagħna bħala ċittadini ta' pajjiżna u tad-dinja. Ħidma għall-paċi. Impenn fil-volontarjat.

## IL-ĦAMES KLASSI

## *IL-PROĠETT TA' ALLA F'ĦAJTI*

### 1. Int x'tiswa

a) *Esperjenza*

Qegħdin infittxu l-identità tagħna - Jien min jien? Jien x'niswa? Jien x'se nagħmel? L-esperjenza ta' kull bniedem li jkollu stima tiegħu nnifsu u li din l-istima jibniha fuq bażi soda. Dak li jgħinna u dak li jfixkilna fil-mixja lejn id-dinjità vera tagħna nfusna.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*

Alla jagħtina d-dinjità ta' wliedu:

- F'Pentekoste, id-dixxipli ngħataw l-Ispirtu s-Santu assolut, waħdieni u garanti tagħha. Fil-ħidma u fit-tagħlim tiegħu Ġesù ssokta juri d-dinjità tal-ħajja ta' kull bniedem. Għadu jiltaqa' b'mod reali u spejali mal-morda fis-Sagrament tal-Morda.

- Ġesù jissokta l-ħidma u t-tagħlim tiegħu għall-ħarsien tal-ħajja fil-Knisja tiegħu. It-tagħlim tal-Knisja dwar it-tnissil tal-ħajja u r-rispett lejn il-ħajja ta' kull bniedem; abort, ewtanasja, sterilizzazzjoni, vjolenza, torturi, droga, tipjip, xorb, sewqan żejjed.

ċ) *It-tweġiba tagħna*

Kif se niżviluppaw fina kuxjenza nisranija matura bħala dixxipli ta' Kristu.

Marija, mudell ħaj u konkret tat-tweġiba tagħna lejn Alla.

## 2. X'tiswa l-ħajja?

a) *Esperjenza*

Eżempji fi żmienna i) ta' rispett lejn il-ħajja bħal progress fil-qasam tal-mediina, kura ta' l-anzjani, ħidma favur id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità); ii) ta' nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja bħal tniġġiż ta' l-ambjent, abort, ewtanasja, droga, u vjolenza oħra ta' kull xorta.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*

Il-ħajja ġejja minn Alla. Hu waħdu huwa s-Sid assolut, waħdieni u garanti tagħha. Fil-ħidma u fit-tagħlim tiegħu Ġesù ssokta juri d-dinjità tal-ħajja ta' kull bniedem. Għadu jiltaqa' b'mod reali u spejali mal-morda fis-Sagrament tal-Morda.

Ġesù jissokta l-ħidma u t-tagħlim tiegħu għall-ħarsien tal-ħajja fil-Knisja tiegħu. It-tagħlim tal-Knisja dwar it-tnissil tal-ħajja u r-rispett lejn il-ħajja ta' kull bniedem; abort, ewtanasja, sterilizzazzjoni, vjolenza, torturi, droga, tipjip, xorb, sewqan żejjed.

ċ) *It-tweġiba tagħna*

Kif se nuru fil-prattika l-impenn tagħna għall-ħarsien u r-rispett tal-ħajja ta' kull bniedem. L-Ekoloġija – ir-rispett u l-iżvilupp ta' l-ambjent.

**3. Kif tagħmel suċċess?**

a) *Esperjenza*
Liema valuri jitqiesu importanti fis-soċjeta' ta' żmienna.
X'inhuma l-ideat ta' l-istudenti dwar x'jiġifieri tagħmel suċċess fil-ħajja.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
II-valuri ta' Ġesù u xi priorità jagħtihom. Fl-aħħar mill-aħħar, x'inhu skond Ġesù, is-suċċess veru. Liema hi t-triq li twassal għalih.

Il-Persuna nfisha ta' Ġesù bħala l-quċċata, it-triq u l-qawwa tas-suċċess sħiħ tal-bniedem.

Fid-dawl tal-Vanġelu, x'għandha tkun l-attitudni tan-nisrani lejn il-flus u l-kumditajiet tal-ħajja. X'għandha tkun l-iskala tal-valuri tiegħu.

L-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu bħala l-ogħla valur. It-talb bħala n-nifs ta' din l-imħabba.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
Kif l-istudenti jagħrfu x'inhuma l-valuri li jkunu qegħdin iħaddnu fil-prattika.

**4. Kif nuża l-ħin liberu**

a) *Esperjenza*
L-iżvilupp tal-ħin liberu fid-dinja ta' llum. Kif inħarsu lejh iż-żgħażagħ. Fejn u kif qegħdin igħadduh.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
Il-ħin liberu u fil-pjan ta' Alla u fid-dawl tal-fidwa. Għal liema għanijiet nistgħu nużawh. L-aspetti pożittivi jew negattivi li jista' jkollu l-ħin liberu.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
Kif, bħala nsara, inħarsu lejn xi attivitajiet ewlenin li nistgħu nagħmlu fil-ħin liberu u b'liema mod nistgħu nużawhom bi frott. Fost l-attivitajiet naraw dawk marbutin ma': (i) l-isport, (ii) il-*mass media*, b'mod partikulari it-T.V., il-mużika, speċjalment dik li hi l-aktar popolari fost iż-żgħażagħ.

## 5. Liema xogħol nagħżel

a) *Esperjenza*
Kif in-nies ta' żmienna, l-aktar iż-żgħażagħ, iħarsu lejn ix-xogħol. X'siwi jaraw fih? X'jistennew minnu?

b) *Fid-dawl tal-messaġġ*
Ix-xogħol fil-ħsieb tal-Bibbja u tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, l-aktar mir-*Rerum Novarum* sa l-aħħar dokumenti uffiċjali. Id-dinjità tal-ħaddiem; id-drittijiet u d-dmirijiet li joħorġu minn din id-dinjità.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
X'irridu nżommu quddiem għajnejna meta niġu biex niddeċiedu liema xogħol nagħżlu. Kif inħejju lilna nfusna minn issa għad-dinja tax-xogħol.

## 6. It-Triq ta' l-Imħabba

a) *Esperjenza*
Kif in-nies ta' żmienna jħarsu lejn iż-żwieġ u l-familja. Kif iħarsu lejn min ma jiżżewwiġx. X'bidliet għat-tajjeb jew għall-ħażin laqtu lill-familja Maltija fi żmienna.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
Iż-żwieġ fil-pjan ta' Alla: (i) fil-ħolqien, (ii) fit-tagħlim u fil-ħidma ta' Ġesù, u (iii) fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ.

It-triq taċ-ċelebat: il-valur tiegħu bħala xhieda u servizz prezzjuż għall-bini tas-Saltna ta' Alla.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
Kif nistgħu nħejju lilna nfusna għat-triq li l-Mulej qed isejħilna għaliha. X'nistgħu nagħmlu minn issa għall-ġid tal-familja f'pajjiżna.

## 7. Fit-Triq tat-tama

a) *Esperjenza*
Ħarsa lejn il-proġetti konkreti li l-istudenti jixtiequ jwettqu. Liema diffikultajiet l-aktar li jaqtgħulhom qalbhom. Liema huma t-tamiet tal-bnedmin ta' żmienna.

b) *Id-dawl tal-messaġġ*
It-tama tagħna mibnija fuq it-Trinità Qaddisa, il-misteru ta' Alla-Mħabba. Ir-rabta tan-nisrani ma' Alla l-Ħallieq u Missier, ma' Alla l-Iben, Salvatur u Mudell tas-suċċess sħiħ u dejjiemi tal-bniedem, ma' Alla Spirtu s-Santu li jgħammar fina, igħajjixna u jqawwina bid-dawl u l-enerġija tiegħu.

Il-Ħwejjeġ ta' l-Aħħar. Il-Ġenna bħala tisħib fil-ħajja ta' Alla-Komunjoni ta' Mħabba. L-infern bħala disperazzjoni ta' min għażel li jgħix mifrud minn din l-Imħabba. Il-ġudizzju bħala ġrajja ta' l-aħħar, iżda li qed isseħħ issa wkoll.

ċ) *It-tweġiba tagħna*
Nivverifikaw x'inhu fil-konkret il-Kredu tagħna f'Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Inħallu t-tama nisranija tmexxina u tqawwina fil-ħidma għall-iżvilupp sħiħ tagħna u tas-soċjetà.

(approvat mill-isqfijiet l7/7/l99l)